KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 472 (9-15)

It-Tnejn 5 ta' Mejju 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Julian Borg
Il-Viċi Sindku Ryan Cachia
Il-Kunsillier Christopher Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia
Il-Kunsillier Albert Pace (daħal għal laqgħa fis-7.45pm)
Il-Kunsillier Charles Vassallo

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Dominic Grech

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**472.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**472.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Dominic Grech.

**472.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 471. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Kunsillier Christopher Farrugia ssekonda. Il-Kunsill approva il-Minuti bħala dokument korrett.

**472.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

471.15 Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet dwar dan il-punt. Is-Sindku wieġeb li dan huwa apparat biex ikun hemm konnessjoni fiż-żona. Il-Kunsill iddiskuta u għażel l-aħjar post fejn jiġi installat. Il- Viċi Sindku staqsa dwar wifi fil-bajja. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li dan kien servizz offrut mill-MCA u li issa twaqqaf.

**472.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**472.3.1** Is-Sindku rrefera għall-komunikat minn Go away productions biex isir filming f'Għar Lapsi, il-Fawwara u l-Buskett f'diversi dati f'Ġunju. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li f'Ġunju ser ikun hemm effett negattiv u riperkussjonijiet jekk jingħalaq l-aċċess pubbliku. Kien deċiż li tintalab iktar informazzjoni dwar il-ħinijiet eżatt u l-postijiet eżatt fejn ser jiġi effetwat. Din l-informazzjoni tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera b'email u terġa tiġi diskussa biex tingħata risposta lil Go away Productions.

**472.3.2** Is-Sindku nforma li l-Kunsill irċieva stedina uffiċjali mis-Sindku ta' Bari għal Festa ta' San Nicola fis-8 u t-8 ta' Mejju 2025, għas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qal li l-istedina ġiet milqugħa u diġà kemm hu u s-SE ser ikunu Bari mal-ġita ta' grupp mis-Siġġiewi.

**472.3.3** Is-Sindku rrefera għall-komunikat mill-Kumitat Tismija ta' Toroq bħala risposta għall-proposta ta' ismijiet ġodda. Huwa qal li l-ismijiet Triq id-Dar tal-Providenza, Triq il-Kappella tal-Providenza, Triq Santa Marija, Sqaq Santa Marija, Triq Ta' Lanza u Sqaq ta' Lanza ġew aċċettati u qed isir il-proċess biex jiġu ppublikati fuq il-Gazzetta tal-Gvern fejn eventwalment issir il-plakka tat-triq. Hu qal li l-isem propost Triq iż-żewġt ibliet ma ġiex aċċettat u l-Kumitat qed jinsisti fuq Triq iż-Żewġ Granmastri. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li jżomm mal-istess deċiżjoni peress li t-triq hija 'arterja' li tgħaqqad iż-żewġt ibliet.

**472.3.4** Is-Sindku qal li rċevejna komunikat minn Kumpanija privata tal-gaming li bħala CSR Initiative qed jilqgħu proposti għall-għajnuna (sponsorship) għal inizjattivi sportivi. Is-Sindku qal li iktar kmieni llum, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Events Director fejn ressqu proposta għal rinovar tal-bandli Nalizpelra. Peress li huma betting company, jeskludu bħala policy li jagħmlu proġetti għal tfal, u għalhekk is-Sindku qal li rridu naħsbu fi proposti oħrajn. Bħala budget jidher li mhux stabbilit, sakemm il-proposta tkun tajba. Is-Sindku qal li għall-outdoor gym il-Kunsill applika għal-skema tad-DLG u għalhekk ma jistax ikun hemm finanzjament doppju. Jista' jkun li tkun idea il-bbq area u l-park ta' Għar Lapsi.

**472.3.5** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-midja ġie imħabbar portal komuni għall-permessi tal-festa. Hi qalet li sal-lum, il-Kunsill ma rċieva l-ebda informazzjoni dwar dan u għalhekk il-permessi ser jiġu proċessati bħas-soltu.

**472.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Il-Viċi Sindku staqsa jekk it-tabella 'Merħba' ta' Triq Inżul ix-Xemx inbidlitx wara li kienet tkissret. Is-SE qalet li ser tiċċekkja dwar dan.

**472.5** **Aġġornament – Dekasteri u responsabbiltajiet**

**472.5.1** Il-Viċi Sindku qal li għaddej b'komunikat mal-awtorita' at-Turiżmu għal statistika dwar it-turiżmu fis-Siġġiewi. Hu qal li diġà għandu informazzjoni importanti li jista' jaħdem fuqha, għall-proġetti futuri fuq turiżmu sostenibbli. Huwa qal li l-filmati dwar diversi aspetti lokali kważi lesti. Dawn huma parti mill-Miżura approvata tal-GAL dwar il-kultura. Il-Viċi Sindku qal li l-Mixgħela kienet avveniment ta' suċċess u qegħda fl-aġenda iktar 'il quddiem. Qed jikkoordina wkoll biex terġa' ssir il-mappa nformattiva tas-Siġġiewi li hemm fil-pjazza. Il-ħarġa kulturali ta' April intogħġbot u qal li huwa lok li jkun jaf x'inhi d-domanda tan-nies u x'jixtiequ għal ħarġiet futuri. Huwa qal li qed isir il-kuntatt biex jinġiebu stimi għar-restawr tan-niċċa ta' San Ġwann fi Triq San Nikola.

**472.5.2** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li qed tikkoordina mal-amministrazzjoni dwar l-iskeda ta' korsijiet għas-sajf. Hi qalet li qed tiċċekkja wkoll għal-lezzjonijiet tal-għawm kemm għat-tfal u anke għal kbar fil-pixxina tal-Qroqq. Rigward kors tal-presepju qed tikkoordina mal-Viċi Sindku biex isir bejn Settembru u Diċembru, finanzjat mir-Reġjun. Ser jerġa' jsir il-kors tat-tpenġija u kors tal-Malti għall-barranin filgħaxija.

**472.5.3** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li it-tindif fl-attivita' tal-Mixegħla mexa tajjeb ħafna kemm waqt l-attivita' u anka wara. Hu qal li fix-xhur ta' qabel l-attivita' sar tindif estensiv tat-toroq kollha li jwasslu għal tal-Għolja. Rigward ġbir ta' skart, il-Kunsillier qal li kif infurmati mir-Reġjun Punent, l-istatistika tal-ġbir ta' skart fis-Siġġiewi naqas l-iskart imħallat u żdied l-iskart separat. Dan huwa riżultat tajjeb ħafna tal-ħidma li qed issir u qal li l-għan huwa li nkomplu nedukaw lir-residenti biex jisseparaw l-iskart dejjem iktar. Hu qal li bħalissa qed isegwi issue dwar rimi ta' ħaxix tal-ġonna mid-djar li dan m'għadux jinġabar mal-organiku. Qed jiġbor informazzjoni korretta biex inkunu nistgħu ninfurmaw lill-pubbliku. Il-Kunsillier qal li diġà beda jikkoordina dwar it-tindif għall-Festa ta' San Nikola, fejn fil-ġimgħat li ġejjin issir laqgħa mal-kuntratturi u mar-Reġjun u anka mal-għaqdiet u sidien tal-kiosks. Hu qal li ser issir laqgħa mal-working group tat-tindif għall-koordinament. Il-Kunsillier qal li mill-midja soċjali sar jaf li tpoġġiet magna ġdida tal-BCRS f'lokalita' oħra, għalhekk talab li jerġa jsir komunikat mal-BCRS għal talba ta' magna oħra fis-Siġġiewi. Bħala responsabiltà' anzjani, informa li ser isir festin fl-okkazjoni tal-Festa San Nikola fid-19 ta' Ġunju, fejn il-Kunsilliera huma mistiedna, u d-day centre ser jorganizza ikla ta' Jum l-Omm f'lukanda. Hu qal li fil-5 ta' Ġunju ser issir is-seminar għall-kura tad-Demensia fis-sala tal-Kunsill miftuħ għal kulħadd.

**472.5.4** Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li għadda i-verżjoni finali tal-ftehim kif maqbul lill-kumitat tal-football u qed jistenna mingħandhom. Hu talab li tiġi miftehma data. Is-Sindku talab li jikkonfermaw il-ftehim ħalli jkun hemm qbil fuq data. Il-Kunsillier Farrugia qal li l-avveniment tal-Combat kif diġà informa ġie kkanċellat minħabba li ma inħarġux il-Visas. Hu qal li qed jiddiskuti dwar avvenimenti sportivi li jmiss.

**472.6** **Aġġornament – Proġetti infrastrutturali u inizjattivi**

**472.6.1** Ġnien il-Familja Triq Salvu Borg Olivier

Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva invit mill-INDIS għalll-inawgurazzjoni ta' ġnien il-Familja għall-15 ta' Mejju. Is-Sindku qal li kellu laqgħa rigward il-maintenance agreement dwar xi punti li ma kienx hemm qbil dwarhom, iżda minkejja li hemm data għall-inawgurazzjoni, għad ma rċevejniex il-ftehim emendat, u allura sadatattant il-manutenzjoni tibqa' taħt l-INDIS. Hu qal li fadal diversi affarijiet li jridu jitranġaw, u l-Kunsill talab ukoll kopja tal-garanziji u ċertifikazzjoni. Il-Kunsillier

Christopher Farrugia saqsa kif bqajna fuq il-kwistjoni tal-isem. Is-Sindku wieġeb li għall-Kunsill il-ġnien huwa magħruf bħala Ġnien il-Familja – Il-Professur Albert Fenech kif kien approvat. Is-Sindku qal li għalkemm ix-xogħolijiet kienu investiment minn Indis, il-ġnien sar fuq art tal-Kunsill u ser ikun taħt ir-responsabilta' tal-Kunsill, għalhekk id-deċiżjoni tal-isem kellha tkun tal-Kunsill.

**472.6.2** Ġnien Ramija
Is-Sindku qal li jonqos il-konnessjoni tac-cctvs li qegħdin nieħdu ħsieb biex ikun hemm sorverjanza. Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li kien diġa' kellem lill-amministrazzjoni biex issir talba għall-bank ieħor fil-parti fejn hemm madum fit-tond. Is-SE qalet li kienet ressqet it-talba lill-Public Works. Il-Kunsillier Farrugia qal ukoll li kien talab biex jiżdied id-dawl fiż-żona.

**472.6.3** Reading Garden
Is-Sindku qal li l-evalwazzjoni tat-tender tax-xogħol infrastrutturali wasal biex jingħalaq biex fil-ġimgħat li ġejjin ikun jista jibda x-xogħol fuq dan il-ġnien.

**472.6.4** Vjal Kulħadd
Is-Sindku qal li hemm xi mistoqijiet tekniċi li qed iweġibhom il-perit. Ġew proposti wkoll xi emendi fil-pjanta oriġinali u qed issir konsultazzjoni teknika.

**472.6.5** Xogħol fi Triq Blat il-Qamar
Is-Sindku qal li Infrastructure Malta għad ma tawx risposta dwar meta ser jibda ix-xogħol fi Triq Blat il-Qamar, meta suppost kellha tibda mmedjatament wara Triq Salvu Borg Olivier. Is-Sindku qal li kien hemm anka PQs dwar din it-triq u kien hemm risposta li bħalissa qegħdin fil-fażi tal-procurement.

**472.7** **Tenders**

**472.7.1** Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega.

**472.7.2** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tender LCS17/25 ingħalaq u qegħdin fil-perijodu ta' appell.

**472.7.3** It-Tender LCS2/25 għadu ma ġiex evalwat u ħeġġet lill-bord tal-evalwazzjoni biex jiproċedi ħalli jingħalaq.

**472.7.4** It-tender LCS48/24 tal-photovoltaic ingħalaq il-proċess ta' kjarifika, issa jrid jingħalaq il-proċess ta' evalwazzjoni u qed tiġi miftehma laqgħa mal-Energy and Water Agency. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll li sadattant, qed issir komunikazzjoni mad-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi biex issir manutenzjoni fuq il-bejt tal-kunsill, qabel jitpoġġa xi apparat ieħor.

**472.8** **Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv għas-sena 2024**

**472.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-Rapport Amministrattuv li jkopri l-perijodu minn Jannar sa Diċembru 2024, kopja tiegħu kienet intbagħtet qabel permezz ta' email. Hija qalet li dar-rapport fiħ sitt xhur ta' ħidma minn Leġislatura tmienja u sitt xhur tal-leġislatura il-ġdida. Hija talbet lill-Kunsilliera biex min għadu ma preżentax ir-rapport tad-dekasteru li jkopri minn Lulju sa Diċembru jista' jgħaddih mill-iktar fis ħalli jiġi inkluż. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tar-rapport kif preżentat. Il-Kunsill unanimament approva.

**472.9** **Approvazzjoni Quarterly Report Jannar-Marzu 2025 (Q1)**

**472.9.1** Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-SE preżentat kopja tar-rapport li kien diġa intbagħat lill-kunsilliera b-email. Hija tat spjega tar-rapport u l-infieq għall-ewwel 3 xhur tas-sena minn Jannar sa Marzu. Wara diversi mistoqsijiet u kjarifiċi, is-Sindku talab vot. Il-Kunsill unanimament approva r-rapport Q1 kif preżentat.

**472.10** **Suġġerimenti mill-Kunsill Lokali tat-Tfal**
Is-Sindku propona li din l-item tiġi diskussa fis-Seduta li jmiss.

**472.11** **Ftehim Kollettiv tal-ħaddiema klerikali 2024-2028**

**472.11.1** Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet referenza għall-ftehim kollettiv tal-impjegati tal-Kunsilli Lokali, liema kien ġie ċċirkolat lill-Kunsilliera. Hi qalet li qed tagħmel il-kalkoli neċessarji u l-impjegati għandhom total ta' ftit iktar minn €6000 f'arretrati u tablet kjarifika lid-Dipartiment jekk dan l-ammont hux ser jiżdied mal-allokazzjoni jew hux ser jittieħed mill-fondi tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet ukoll l-aħbar li xxandret f'konferenza stampa dwar żieda lill-Kunsilliera u s-Sindku u qalet li għad ma ġie riċevut xejn uffiċjali dwar dan u lanqas informazzjoni dwar jekk din iż-żieda hix ħa tkun kompensata jew le.

**472.12** **Evalwazzjoni Mixgħela 2025**

**472.12.1** Is-Sindku qal li kien hemm feedback tajjeb dwar l-attivita' kemm mill-għaqdiet u anka mill-operatur tal-vann. Is-Sindku qal li fil-futur meta jitlesta x-xogħol fuq il-kappella, l-attivita' tkun tista' tikber u jiġu implimentati idejat ġodda. Hu qal li għal-limitazjonijiet tas-sit fejn hemm parti magħluqa, l-attivita' kienet koordinata tajjeb ħafna. Il-Viċi Sindku qal li kien hemm koperazzjoni sħiħa bejn l-għaqdiet u l-Kunsill, li rriżultaw f'attivita' ta' suċċess. Hu qal li kien hemm miljorament fl-organizzazzjoni anka l-idea tat-taraġ ikun minn naħa titla' u minn naħa tinżel kien iktar sigur u għen fil-flow tan-nies. Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li t-tindif mexa tajjeb ukoll u wara l-attivita' ingħatat ħasla lill-pjazza. Hu qal li l-passaġġ għall-vetturi fil-pjazza kienet idea tajba ħafna. Is-Sindku rringrazja l-Kunsilliera u l-amministrazzjoni tal-organizzazzjoni ta' tali attivita'.

**472.13** **Aġġornament dwar il-Kappella taċ-Ċwerra**

**472.13.1** Is-Sindku informa li reġa sar komunikat mal-Kurja rigward is-sitwazzjoni preċenti tal-kappella u tal-iscaffolding. Hu qal li l-proċess tal-applikazzjoni għadu fi stadju ta' paperwork. Is-Sindku qal li għalkemm il-kappella mhix projeta' tal-Kunsill, il-Kunsill qed jaffaċċja l-ilmenti tal-pubbliku, anka peress li l-iscaffolding ilu fil-post għal daw l-aħħar tlett snin. Barra minn hekk, qed jakkumula ammont kbira ta' ħmieġ u l-Kunsill kull ċertu żmien qed jeħel spejjeż żejda biex isir il-ħasil. Dan qed jaffetwa wkoll ir-residenti ta' Triq id-Dejqa. Il-Kunsillier Charles Vassallo talab biex nibqgħu insegwu dwar l-ispezzjoni tal-iscaffolding li kellha ssir, kemm minħabba sigurta' u anka indafa.

**472.14** **Skemi GAL 2025**
Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi kien tilef il-post fil-bord tal-GAL fis-snin li għaddew minħabba nuqqas ta' attendenza. Madankollu, ir-relazzjoni mal-Gal hija waħda tajba u għaldaqstant qed niprovaw nerġgħu inkunu parti minn dan l-Action Group għall-aktar okkażjonijiet ta' fondi għall-lokalita'. Is-Sindku informa li nħarġu dawn il-Miżuri:

**472.14.1** **Measure 1 - Enriching Rural Heritage by Safeguarding Tangible and Intangible Elements. Fondi €20,000 għal restawr u €10,000 għal riċerka. (80% skema u 20% fondi lokali).**
Is-Sindku qal li rigward din il-Miżura, qed jaħdem il-Viċi Sindku u d-dekasteru kultura biex titħejja lista ta' binjiet. Fosthom issemmew il-kappella tal-Providenza li tinħtieġ intervent maġġuri, u il-Kappella ta' Santa Margerita li tista' ssir applikazzjoni b'kollaborazzjoni mal-Fondazzjoni Patrimonju. Hu qal li qed isiru kuntatti għal BOQ minn Perit biex tiġi stabbilita l-ispiża neċessarja.

**472.14.2** **Measure 2 - Strengthening Short Supply Chains for Local Gastronomy**
**Fondi €10,000 branding, €20,000 riċerka u marketing, €30,000 riċerka, branding u marketing (80% skema u 20% fondi lokali)**
Is-Sindku qal li din il-miżura tista ssaħħaħ l-attivita' ta' festa Għeneb fuq li diġa' hemm, u tinkludi gastronomija u prodotti agrikoli. Is-Sindku qal li flimkien mad-

dekasteru kultura qed jaraw x'toffri din il-miżura.

**472.14.3** **Measure 3 - Investing in Nature Connectedness, Protection and Enhancement of Biodiversity Resources**
**€60,000 għal proġett green infrastructure u €15,000 għal promozzjoni (80% skema u 20% fondi lokali)**
Is-Sindku talab lill-Kunsilliera iressqu proposti għal din il-miżura, u tiġi diskussa 'l quddiem.

**472.14.4** **Measure 4 - Knowledge Sharing and Capacity Building for Sustainable Development €10,000 għal proġett ta' barranin jiġu Malta u €15,000 għal proġett ta' skambju barra l-pajjiż (80% skema u 20% fondi lokali)**
Is-Sindku qal li din hija miżura fejn jista' jsir skambju kulturali minn gruppi, eżempju bdiewa, bejn is-Siġġiwin u potenzjalment il-Belt ta' Noto, li toffri diversi opportunitajiet f'dan il-qasam.

**472.15** **Proġett Ewropew GAL u KLS ġewwa Sqallija f' Mejju 2025**
**472.15.1** Is-Sindku informa li bħala Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u membri tal-GAL Majjistral ġew mistiedna għall-Proġett ta' koperazzjoni 'Rural Sicily' f'Taormina flimkien ma' gruppi oħra minn Gal fi Sqallija, Spanja u l-Portugall. F'dan il-proġett ser jiġu diskussi sfidi komuni u strateġiji ta' koperazzjoni għall-iżvilupp rurali, b'fokus partikolari fuq l-agrikoltura.

Il-Kunsillier Albert Pace daħal għal-laqgħa fis-7.45pm.

**472.16** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**
**472.16.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**472.16.2** Il-Viċi Sindku iddikjara konflitt ta' interess f'applikazzjoni PA08349/24.

**472.16.3** Inġibdet l-attenzjoni fuq applikazzjoni PA02608/25 Change of use from private car garage to public service garage. 47, Oleander, Triq Mons. Mikiel Azzopardi c/w, Triq il-Hsad, Siggiewi. Il-Kunsillier Charles Vassallo staqsa jekk dan l-iżvilupp hux ħa jiġġenera problema ta' skart kummerċjali fiż-żona. Is-Sindku wieġeb li din l-applikazzjoni hija għall-ipparkjar ta' taxis.

**472.16.4** Inġibdet l-attenzjoni fuq PA3568/06 u PA7643/24 żvilupp fiċ-ċimiterju Ta' Brija. Wara diskussjoni, ġie maqbul li tintalab iktar informazzjoni lill-perit tal-Kunsill, jintalbu kopja tal-pjanti approvati f'dan is-sit għal ċimiterju; Jintalbu kopja tal-guidelines maħruġa mill-PA għal bini ta' krematorji. Biex inkunu nafu kif dawn il guidelines jaffettwaw lis-Siggiewi u x'dannu jista' jkun hawn lejn is siġġiwin u l-agrikoltura fil-lokal. Dawn jiġu preżentati fis-Seduta li jmiss.

**472.17** **Rapport tal-Korrispondenza**
Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

**472.18** **Rapport tal-ilmenti**
Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

Il-Kunsillier Charles Vassallo rringrazzja lill-amministrazzjoni tas-sistema li ġiet addottata ta' feedback fuq l-ilmenti, b'mod speċjali tat-tindif. Hu qal li kellu ħafna kummenti pożittivi.

**472.19** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsill unanimament approva.

**472.20** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**470.20.1** Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li hemm arblu tad-dawl fi Triq iż-Żerniq u qiegħed fin-nofs ta' 'bankina' li tista' tintuża biex jipparkjaw żewġ jew tlett karozzi. Hu talab li ssir rikjesta lill-Enemalta biex jiġi spustjat.

**470.20.2** Il-Kunsillier Charles Vassallo talab li jsiru refreshing taz-zebra crossing tal-bypass u l-istop Signs li jagħtu għal bypass. Talab ukoll li tinżabar is-siġra taż-żebbuġ li qed tgħatti il-lights fil-bypass ma' Triq l-Għid.

**470.20.3** Il-Kunsilliera Francine Farrugia talbet li jsir żbir u tindif tas-siġar u arbuxelli fi Triq Blat il-Qamar u Triq l-Għid.

**470.20.4** Il-Kunsillier Albert Pace staqsa dwar l-applikazzjoni tal-proposta tal-one way fi Triq il-Knisja l-Qadima. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li qed tistenna l-pjanti mill-Perit biex tkun tista' tibgħatha Transport Malta. Il-Kunsillier Pace qal li s-sitwazzjoni tal-parking fil-pjazza mhix iktar tenibbli u trid tinstab soluzzjoni. Hu propona laqgħa mal-bejjiegħ ta' nhar ta' Sibt biex tinstab l-aħjar soluzzjoni.

**470.20.5** Il-Kunsillier Pace qal li l-bieb jew grada li suppost kellha ssir mill-Public Works f'Għar Lapsi għadha ma saritx u l-'garaxx' għadu miftuħ, bil-konsegwenza li qed jintuża lattrina.

**470.20.6** Il-Viċi Sindku qal li infurmawh li saru xi tumbati bħala lqugħ tal-ilma fit-triq tal-Fawwara/Bajjada u qegħdin ta' periklu.

**470.20.7** Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li ilu li għamel talba biex tiġi installata mera biex tgħin toħroġ minn Triq l-Għid. Qal ukoll biex isir manutenzjoni tal-bus shelters fi Triq l-Għid u Triq Mons Mikiel Azzopardi, u jitbiddel il-perspex.

**472.21** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

**472.21.1** Il-laqgħa intemmet fit-8.35 ta' filgħaxija.
Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 2 ta' Ġunju 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 2 ta' Ġunju 2025

Il-Perit Julian Borg
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv